**92. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġuże Cassar, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta Nru. 544 tat-13 ta' Ottubru 1981 il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja ta' bini f'Manoel Island lill-Inter-Governmental Mairtime Consultative Organizations issa magħrufa bħala International Maritime Organization biex tintuża bħala Ċentru Reġjonali għall-kontra t-tniġġiż;

U billi l-Gvern beħsiebu jġedded din l-għotja għaż-żmien u skond il-kundizzjonijiet u pattijiet imsemmija fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi juwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa zieraq li t-rasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati:

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kirja ta' l-imsemmi bini f'Manoel Island lill-International Maritime Organization tista' tiġi mġedda għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

08.07.1983